IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2013
COM(2013) 309 final

2013/0161 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tat-TRIPS tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba għal estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 66.1 tat-TRIPS għall-pajjiżi l-inqas żviluppati

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. DAĦLA

Mill-adozzjoni fl-1994 tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS), il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDCs) kienu eżentati mill-biċċa l-kbira tal-obbligi tat-TRIPS għal perjodu ta' għaxar snin, wara l-ewwel sena ta' eżenzjoni ġenerali għall-membri kollha tad-WTO, permezz tal-Artikolu 66.1 tiegħu. Dan l-istess Artikolu jipprovdi wkoll għall-possibbiltà ta' iktar estensjonijiet ta' dan il-perjodu fuq talba motivata kif dovut. Fl-2005, wara talba speċifika minn LDCs, din l-eżenzjoni ġiet estiża kif mistħoqq sal-1 ta' Lulju 2013.

Fid-dawl tal-iskadenza li qed toqrob, il-Ħaiti, f'isem il-grupp LDC, formalment ressqet talba fil-5 ta' Novembru 2012 għal estensjoni tal-perjodu tranżizzjonali (ara d-Dokument tal-WTO IP/C/W/583). Minflokk talab għal estensjoni speċifika kkalkulata fi snin, din id-darba l-grupp LDC talab eżenzjoni "*... sakemm ma jibqgħux Membru li huwa pajjiż l-inqas żviluppat*."[1]

Sommarju dwar l-isfond tat-talba tal-Grupp LDC qiegħed jiġi ppreżentat hawn taħt.

2. SOMMARJU

Il-preambolu tal-Ftehim TRIPS jirrikonoxxi l-ħtieġa partikolari tal-LDCs għal flessibilità massima fl-implimentazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti domestikament, bl-għan ikun li tippermettilhom joħolqu bażi teknoloġika soda u vijabbli. Ippermetta wkoll lil-LDCs għaxar snin mill-1995 biex japplikaw il-maġġoranza tal-obbligi tat-TRIPS. Il-perjodu ta' tranżizzjoni kien jista' jiġi estiż bi tweġiba għal talba speċifika u fl-2005 l-LDCs talbu għal estensjoni ta' 15-il sena u finalment kisbu estensjoni ta' 7.5 snin, sal-1 ta' Lulju 2013. Sadanittant, id-Dikjarazzjoni ta' Doha tal-2001 dwar it-TRIPS u s-Saħħa Pubblika kienet diġà estendiet il-perjodu biex l-LDCs jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-privattivi u l-protezzjoni tad-dejta għall-farmaċewtiċi sal-2016.

Fid-diskussjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni fl-2005 biex l-iskadenza għall-konformità mal-obbligi tat-TRIPS tiġi estiża, waħda mill-mistoqsijiet imqajma kienet jekk l-estensjoni għandhiex tingħata fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż jew bħala grupp. Il-ftehim finali ta estenżjoni lil-LDCs kollha bħala grupp. Meta l-Kunsill tat-TRIPS qabel mal-estensjoni tal-2005, kien stabbilixxa wkoll proċess biex jgħin lill-LDCs jimplimentaw it-TRIPS fir-reġimi nazzjonali tagħhom tal-proprjetà intellettwali. Il-Kunsill tat-TRIPS talab lil-LDCs biex jidentifikaw il-ħtiġijiet prijoritarji tagħhom għal kooperazzjoni teknika u finanzjarja u staqsa lill-pajjiżi żviluppati biex jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-ħtiġijiet identifikati. Talab ukoll għal kooperazzjoni msaħħa mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti oħra. L-enfasi kienet fuq il-prijoritajiet individwali ta' kull LDC u fuq l-iżgurar li dawn il-ħtiġijiet jintlaħqu b'mod effettiv.

Billi għarfu l-utilità tal-proprjetà intellettwali għall-iżvilupp, il-ministri fil-Laqgħa Reġjonali Preparatorja għall-Afrika f'Dar es Salaam f'Marzu 2013 qabel l-Analiżi Ministerjali Annwali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU pereżempju ddikjaraw li "Dawk li jfasslu l-politika fl-Afrika għandhom jirduppjaw l-isforzi biex jiżviluppaw oqfsa ġuridiċi u ta' politika, inklużi l-leġiżlazzjoni u l-politika tagħhom dwar il-proprjetà intellettwali, sabiex jagħtu sfog lill-potenzjal mhux sfruttat tar-reġjun." Aktar posponimenti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TRIPS għalhekk jistgħu jtellfu l-possibilitajiet għat-tkabbir għal-LDCs.

[1] It-test propost għal Deċiżjoni tal-Kunsill tat-TRIPS fil-Komunikazzjoni tal-LDC jgħid: "Il-Membri li huma pajjiż l-inqas żviluppat ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, għajr l-Artikoli 3, 4 u 5, sakemm ma jibqgħux Membru li huwa pajjiż l-inqas żviluppat".

Skeda ta’ żmien indefinita tista' wkoll tnaqqas xi ftit mill-ħeġġa biex b'xi mod jaħdmu lejn l-implimentazzjoni. Iżda, jibqa’ l-fatt li xi LDCs jagħmlu progress aktar mill-oħrajn fl-implimentazzjoni tagħhom. Meta wieħed iżomm dan f’moħħu, estensjoni limitata hija aċċettabbli. Estensjoni limitata għandha tkun akkumpanjata minn aktar assistenza teknika mmirata, li l-UE kienet qiegħda tagħti b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, analiżi komprensiva tal-istat ta’ implimentazzjoni fil-prattika f’kull LDC tkun utli sabiex tingħata stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni u b’hekk tkun tista' tingħata għajnuna effettiva u skont il-prijorità.

Sabiex jiġi evitat li d-dibattitu fid-WTO jitbiegħed mill-kwistjoni konċernata, deċiżjoni ġdida li testendi l-eżenzjoni għandha ssegwi l-istruttura ġenerali ta’ dik meħuda fl-2005. Notevolment, l-LDCs impenjaw ruħhom li ma jnaqqsux il-livell ta’ protezzjoni tal-proprjetà intelletwali li diġà kien jeżisti f’pajjiżhom matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni attwali li għandha tittieħed dwar l-eżenzjoni ġenerali biex LDCs jimplimentaw it-TRIPS għandha tinżamm separata mid-deċiżjoni tal-Kunsill tat-TRIPS tas-27 ta’ Ġunju 2002 dwar “l-Estensjoni tal-Perjodu ta’ Tranżizzjoni... għall-Membri LDCs għal Ċerti Obbligi fir-rigward ta’ Prodotti Farmaċewtiċi”.

3. RAKKOMANDAZZJONI

Bħala rispons għat-talba tal-grupp tal-LDC, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni li ġejja: Il-Membri li huma pajjiżi l-inqas żviluppati ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS, minbarra l-Artikoli 3, 4 u 5, għal perjodu mhux itwal mit-tul taż-żmien tal-estensjoni mogħtija preċedentement fl-2005, jew sa tali data li fiha ma jibqgħux pajjiż Membru l-inqas żviluppat, skont liema data tkun l-ewwel. Matul dan iż-żmien, konsiderazzjoni xierqa tista’ tingħata għall-istati differenti tal-implimentazzjoni tat-TRIPS fl-LDCs, u kif l-assistenza teknika tista’ tintuża aktar biex tgħin ħalli dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, b'attenzjoni primarja fuq dawk l-oqsma ta’ utilità l-aktar immedjata. Matul dan il-perjodu ta' estensjoni, l-LDCs ma għandhomx inaqqsu l-livell diġà eżistenti ta’ protezzjoni tal-PI taħt l-istandards stabbiliti mit-TRIPS.

2013/0161 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tat-TRIPS tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba għal estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 66.1 tat-TRIPS għall-pajjiżi l-inqas żviluppati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Novembru 2012 Ħaiti, f'isem il-grupp tal-LDC, formalment talbet estensjoni għall-perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS), skont l-Artikolu 66.1 ta' dak il-Ftehim.

(2) Il-perjodu ta' tranżizzjoni eżistenti, kif miftiehem fid-Deċiżjoni tal-Kunsill għat-TRIPS tad-29 ta' Novembru 2005 (IP/C/40), kien se jiskadi fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) L-Artikolu 66.1 tal-Ftehim tat-TRIPS jipprevedi li l-Kunsill tat-TRIPS *"għandu, fuq talba motivata minn Membru li huma pajjiż l-inqas żviluppat, jagħti estensjonijiet ta' dan il-perjodu"*.

(4) L-ingranaġġ u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali hija fattur ewlieni fil-promozzjoni tat-tkabbir soċjoekonomiku, bħal pereżempju kif rikonoxxut f'Marzu 2013 fl-Analiżi Ministerjali Annwali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti li sejjaħ biex jirduppjaw l-isforzi biex jiġi żviluppat qafas ġuridiku u ta' politika għal pereżempju l-proprjetà intellettwali.

(5) Il-membri li huma pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) għamlu progress b'rati u profondità differenti fl-implimentazzjoni tagħhom tal-Ftehim TRIPS tad-WTO.

(6) Diġà ttieħdu passi importanti fil-qasam tal-proprjetà intellettwali minn għadd ta' LDCs, iżda jibqa' l-fatt li l-LDCs għandhom bżonnijiet u rekwiżiti speċjali u għadhom jaffaċċjaw restrizzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u amministrattivi, u allura għandhom bżonn flessibbiltà u żmien biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tat-TRIPS.

(7) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tat-TRIPS għall-membri tad-WTO li huma pajjiżi l-inqas żviluppati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tat-TRIPS tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba għal estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 66.1 tat-TRIPS għall-Membri li huma pajjiżi l-inqas

żviluppati (LDCs) hija li l-LDCs ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS, minbarra l-Artikoli 3, 4 u 5, għal perjodu li mhux itwal mit-tul taż-żmien tal-estensjoni mogħtija preċedentement fl-2005, jew sad-data li fiha ma jibqgħux Membru li huwa pajjiż l-inqas żviluppat, skont liema data tiġi l-ewwel.

2. Matul dan il-perjodu ta' estensjoni, l-LDCs ma għandhomx inaqqsu l-livell diġà eżistenti ta' protezzjoni tal-PI taħt l-istandards stabbiliti mit-TRIPS.

3. Matul dan iż-żmien, konsiderazzjoni xierqa għandha tingħata għall-istati differenti tal-implimentazzjoni tat-TRIPS fl-LDCs, u kif programmi ta' assistenza teknika u bini ta' kapaċità jistgħu jintużaw aktar biex jgħinu ħalli dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, b'attenzjoni primarja fuq dawk l-oqsma ta' utilità l-aktar immedjata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President